MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2005

Appell Civili - Ghawdex Numru. 19/1999/1

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**vs**

**Emidio Azzopardi personalment u bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socejta` 'Emvic Limited'**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Ottubru, 2004, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ppronunzjat is-segwenti digriet fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta' l-istess Emidio Azzopardi proprio et nomine tat-30 ta' Gunju 1999.

Rat ir-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Rat in-Nota ta' l-Osservazjonijiet tar-rikorrent.

Rat l-atti l-ohra tar-Rikors, inkluzi d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija procedura taht l-artiklu 466 tal-Kap. 12 fejn ir-rikorrent qed jikkontesta titolu ezekuttiv tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar l-ammont indikat fir-Rikors.

F'dan ir-Rikors tieghu Emidio Azzopardi jsemmi bhala raguni ghaliex jidhirlu li m'ghandux ihallas l-ammont mitlub il-fatt illi huwa ghandu jiehu ferm aktar minghand il-Gvern ghal progett li kien wettaq f'Marsalforn snin ilu. Infatti dwar dik il-kwistjoni hemm kawza pendenti quddiem din il-Qorti (Citaz. 113/96 fl-ismijiet: "Emvic Limited vs Direttur Generali tax-Xoghlijiet"). Ghalhekk filwaqt illi ma jichadx illi l-ammont indikat huwa dovut lill-Kummisarju tat-Taxxi Interni, r-rikorrent jinvoka a favur tieghu it-tpacija jew kif inhi maghrufa fid-dottrina legali ***l-kumpensazzjoni***.

Mhux kontestat bejn il-partijiet illi r-rikorrent ghandu jaghti lill-Kummmissarju tat-Taxxi Interni l-ammont minnu rikjest u li d-Direttur Generali tax-Xoghljiet ghandu jhallas lill-istess rikorrent ammont akbar ghal progett li wettaq fuq inkarigu tieghu gewwa l-bajja ta' Marsalforn. Li trid tara l-Qorti ghalhekk huwa jekk jezistux fil-kaz in ezami l-elementi mehtiega sabiex jista' jinghad illi tista' ssir it-tpacija.

It-tpacija hija regolata bl-artikli 1196-1204 tal-Kap. 16. Ir-rikorrent jikkontendi illi z-zewg djun huma certi, likwidi u dovuti a tenur tal-ligi u ghalhekk ghandu jkun hemm tpacija awtomatika. Fil-fehma tieghu m'ghandu jkun ta' ebda xkiel il-fatt illi dawn id-djun jirrigwardaw zewg dipartimenti differenti tal-Gvern, gialadarba il-Gvern huwa dejjem wiehed. In sostenn ta' din il-pretensjoni tieghu jiccita sentenza recenti fejn il-Qorti ta' l-Appell ma laqghetx eccezzjoni tad-Direttur tad-Dipariment tal-Kuntratti li gie iccitat hazin u li kellu minflok jigi mharrek it-

Tezor li skond il-kuntratt kellu jaghmel il-pagamenti dovuti[1].

Il-**Giorgi** jfisser f'dan il-rigward tar-reciprocita mehtiega bejn iz-zewg debituri f'kaz fejn tidhol l-amministrazzjoni governattiva illi:

"*Ma fra le varie applicazioni merita speciale considerazione quella dello Stato nelle sue amministrazioni diverse. Imperocche', mentre lo Stato, quando* ***utitur iure privatorum*** *va sottoposto alla compensazione, da altra parte ogni ufficio costituisce una amministrazione separata quasi fosse un ente morale distinto, agli effetti della reciprocita' tra debiti e crediti compensabili. Massima di favore, gia osservata dai Romani a riguardo delle* ***stationes fisci****; perpetuata nel diritto comune antico, e motivata da imperiose ragioni di pubblica convenienza: perche' la confusione delle competenze tra ufficcio e ufficio oltre i limiti consentiti da leggi e regolamenti produrrebbe imbarazzo e disordine nell'amministrazione. Massima non contradetta neanche nella dottrina e nella gurisprudenza moderna, e costantemente affermata dalla Cassazione romana,richiama soltanto a precisare,quali debbano aversi per uffici amministrativi separati…..* ***Si tratta unicamente di impedire il disordine, che ridonderebbe dal portare in un uffizio la cognizione e la risoluzone di un affare, che e' nelle atribuzioni di un altro ufficio****…. Bisogna dunque,che unico sia l'ufficio incaricato dell'accertamento di quel credito e di quel debito, che come spesa si contrappone, affinche' possa riconoscere, se ricorrono gli estremi della compensazione….Su questo proposito bisogna tener d'occhio il particolare organismo delle amministrazioni singole, in quanto riflette i servizi a ciascuna affidati.*

*Questa massima eccezionale, mentre costituisce un privilegio erariale, conferma da altra parte la regola, che posta la unita' dell'amministrazione creditrice e debitrice la compensazione ha luogo, quando i crediti erariale hanno*

[1] Lino Chircop vs Direttur tal-Kuntratti: 30.3.2001

*causa patrimoniale* ***Esclusi assolutamnete dalla compensazione non vi sono che i crediti per imposte e tasse***.”[2]

Fil-fehma taghha dan it-taghlim ghad ghandu applikazzjoni anke fil-ligi taghna, ta’ l-inqas fir-rigard ta’ l-element tar-reciprocita’ ghall-fini ta’ kompensazzjoni ma’ dikasteri governattivi differenti. L-emendi proceduriali introdotti bl-artikolu 181 li ccaraw ir-rapresentanza gudizzjarja tal-Gvern ma jidhrux li bidlu din il-posizzjoni. Lanqas is-sentenza ccitata mir-rikorrent ma jidher illi tista’ issib applikazzoni fil-kaz prezenti, ghax il-kwistjoni deciza f’dik il-kawza kienet piuttost differenti.  Fil-fatt kienet tirrigwarda biss ir-raprezentanza gudizzjarja tal-gvern fil-kaz partikolari, jekk hux direttur ta’ dipartiment governattiv jew iehor.  Anzi f’certu sens x’aktarx timmilita kontra t-tezi tar-rikorrent, ghax, bhal ma jghid l-awtur hawn fuq citat, taghmilha cara illi hadd daqs id-dipartiment koncernat ma jkun intiz bizzejjed mill-kwistjoni li jkun hemm bejn il-partijiet involuti.

Ir-ragunijiet migjuba mill-Giorgi jidher ill ghadhom validi ghall-fini ta’ kompensazzjoni.  Kif jista’ l-Kummisarju tat-Taxxi Interi jivverifika illi d-dejn li r-rikorrent jippretendi li jpaci huwa wkoll cert, likwidu u dovut kif trid il-ligi, meta huwa ma kien involut bl-ebda mod fin-negozju li sar bejn ir-rikorrent u dipartiment iehor governattiv.  Infatti fil-kaz taghna stess nafu illi kien hemm kontestazzjoni f’dan ir-rigward, tant li r-rikorrent spicca wkoll il-Qorti mad-dipartiment koncernat.

Ma jistghax ghalhekk ir-rikorrent jippretendi illi ma jhallasx it-taxxi dovuti ghax ghandu jiehu minghand xi dipartiment iehor tal-gvern.  Kieku kellu jigi accettat dan l-argument, kienet tinholoq konfuzjoni kbira fil-gbir tat-taxxi ghax kwazi kulhadd b’xi mod jew iehor jista’ jressaq pretensjoni illi ma jhallasx it-taxxa ghax ghadu ma rceviex xi pagament, *allowance* jew beneficcju iehor dovut minghand il-gvern.

---

[2] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano: 7ma. ed. Firenze 1911 Vol. VIII  para. 33 pag. 59 et seq. .

Ghalhekk, billi jonqos ta’ l-inqas l-element ta’ reciprocita’ fil-partijiet sabiex tkun tista issir it-tpacija pretiza mir-rikorrent u konsegwentement ma giex ippruvat illi t-talba ghall-hlas ta’ l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni hija wahda nfondata a tenur ta’ l-artiklu 466(2) tal-Kap. 12, tichad ir-Rikors bl-ispejjez kontra r-rikorrent.”

Ir-rikorrenti Emidio Azzopardi *nomine* appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka taghha. In sintesi, l-aggravju tieghu jikkonsisti fl-obbjezzjoni illi l-ewwel Qorti kkoncentrat l-attenzjoni taghha fuq diffikultajiet prattici li jistghu eventwalment jigu krejati lill-amministrazzjoni fiskali jekk tigi permessa l-eccezzjoni tat-tpacija meta cittadin privat jigi rinfaccjat b’ talba ghall-hlas ta’ xi taxxa jew imposta;

Preambulari ghall-ezami ta’ dan l-aggravju jokkorri li jigu precizati s-segwenti fatti li taw lok ghall-kawza:-

(1) L-appellat Kummissarju tat-Taxxi Interni hu kreditur ta’ l-appellanti *nomine* ghal somma korrispondenti ghal hlas lura ta’ taxxa fuq id-dhul jew taxxa provvizorja ghas-sena ta’ stima 1996;

(2) L-appellanti *nomine* kkontrappona li minn naha tieghu huwa kreditur fil-konfront tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet ghal somma akbar dovuta lilu;

(3) Huwa accettat mill-appellanti *nomine* fl-istess rikors promotur tieghu illi dan il-kreditu pretiz minnu jifforma l-meritu ta’ kawza pendenti quddiem il-Qorti per Citazzjoni Numru 113/96;

Minn dan appena ri-affermat huwa evidenti illi l-linja difensjonali ta’ l-appellanti *nomine* kontra l-pretiza tal-Kummissarju appellat hi dik li jikkonfronta t-talba ghal hlas lura tat-taxxa billi jivvanta l-kompensazzjoni;

In-*nodum juris* tal-kontestazzjoni jikkonsisti f' dan. Ghandu c-cittadin, kreditur ta' enti partikolari ta' l-Istat, jiddefendi ruhu bil-kompensazzjoni meta jsib ruhu debitur ta' dekasteru iehor ta' l-istess Stat? Il-gudikant sedenti kien minn dejjem fawtur tal-hsieb illi r-rapprezentanza guridika ta' entitajiet u dipartimenti governattivi ghal finijiet procedurali li jsemmi l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ma kellhiex necessarjament tekwivali ghar-ragonament illi l-varji dekasteri ma kienux jikkonfluwixxu f' dik il-komposizzjoni unitarja ta' l-Istat, li finalment kien dan li kien responsabbli, sija jekk kontrattwalment sija jekk naxxenti minn fatt illecitu, ghall-obbligazzjonijiet assunti jew determinati. Dan kien proprju r-ragonament deliberat u enuncjat fis-sentenza fl-ismijiet "**Lino Chircop -vs- Direttur tal-Kuntratti**", Appell, 30 ta' Marzu 2001, ben familjari ghall-Imhallef sedenti li bhala avukat f' dik il-kawza kien jippatrocina lill-attur;

Ferma din il-konsiderazzjoni, din il-Qorti ghalhekk ma taqbelx ma' l-argoment tal-Kummissarju appellat, estromess mill-interpretazzjoni tieghu ta' l-Artikolu 181B, biex jaghti sostenn lit-tezi tieghu tan-natura separata ta' kull dipartiment. Argoment dan li s-sentenza appena riferita ddikjaratu "fundamentalment zbaljat". Fiha kompla jinghad a propozitu illi "din il-Qorti m' ghandhiex dubju illi l-amministrazzjoni pubblika taqa' taht ir-responsabilita` tal-Gvern li jamministraha, u sakemm il-mertu jaqa' fl-ambitu ta' tali amministrazzjoni kondotta mill-varji dikasteri li jikkomponu l-Gvern u li torigina mir-relazzjonijiet kontrattwali bejnu u bejn ic-cittadin, kien il-Gvern l-enti morali guridiku li kellu jirrispondi ghall-obbligi assunti. Ir-relazzjonijiet kontrattwali allura jinholqu bejn il-Gvern u c-cittadin fil-kamp amministrattiv u mhux bejn ic-cittadin u min ikun qieghed jirrapprezenta l-Gvern fil-kuntratt partikolari in ezami";

Respint dan l-argoment tal-Kummissarju appellat, dan ma jwassalx necessarjament biex tigi akkolta l-kompensazzjoni ventilata mill-appellant *nomine*, u li

proprjament hi l-kwestjoni maggura nvoluta f’ dan l-appell. Jixraq ghalhekk li tigi approfondita din il-kwestjoni b’ referenza ghall-fattispeci partikolari u l-principji tad-dritt applikabbli fl-istitut tat-tpacija;

(1) Fis-sistema tal-ligi taghna presuppost specifiku tat-tpacija hi l-ko-ezistenza ta’ zewg krediti ta’ tnejn minn nies [Artikolu 1196 (1), Kodici Civili]. Di regola, bhala mod ta’ estinzjoni ta’ l-obbligazzjonijiet hu postulat li l-krediti kontrapposti jidderivaw minn rapporti distinti, u mhux minn rapport uniku. Dan huwa bil-wisq logiku in kwantu jekk jemergu mill-istess rapport si tratta ta’ semplici kontabilita` fejn min hu msejjah biex jarbitra jew jiggudika jista’ jipprocedi anke minghajr l-eccezzjoni specifika tat-tpacija mill-parti jew tal-proposizzjoni ta’ talba rikonvenzjonali;

(2) It-tpacija legali testingwi *ope legis* il-kreditu kontrapposti ghall-fatt oggettiv tal-ko-ezistenza taghhom u minghajr ma jkunu jafu d-debituri [Artikolu 1196 (2), Kodici Civili];

(3) Ir-rekwiziti necessarji biex topera t-tpacija legali huma c-certezza, il-likwidita` u l-ezigibilita` tal-kreditu (Artikolu 1197, Kodici Civili) intizi, s’ intendi, skond kriterji obbjettivi indipendentement mir-rikonoxximent tal-kontroparti. Naturalment l-elementi ta’ fatt li fuqhom tigi akkampata t-tpacija jridu jigu provati b’ mod komplet u univoku mill-parti li tissolleva l-eccezzjoni. Ghaldaqstant, “ma jistax ikun hemm lok ghall-kompensazzjoni jekk iz-zewg debiti ma jkunux likwidi u ezigibbli” (**Kollez. Vol. XXXI P I p 8**). Ukoll “il-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha *ipso jure* ghar-rigward ta’ kreditu li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra” (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 490**);

(4) Hi pero` ammessa l-kompensazzjoni gudizzjali, bhala distinta mit-tpacija legali, fl-ipotesi fejn il-kreditu oppost hu ta’ facli likwidazzjoni (**Kollez. Vol. XXXI P I p 435**). Similment pero`, bhat-tpacija legali, il-kompensazzjoni gudizzjali hi eskluza jekk jinstab li l-

likwidazzjoni ma tistax issir malajr jew fejn il-kreditu jkun ghad irid jigi determinat f' gudizzju separat. Ara **Kollez. Vol. XXXIX P I p 54; Vol. XLVIII P II p 764**;

Applikati s-suddetti principji ghall-kaz taht konsiderazzjoni huwa ovvju illi hawnhekk it-tpacija prospettata mill-appellanti *nomine* ma tistax tregi. Dan ghar-raguni illi huwa evidenti illi gjaladarba l-kreditu pretiz minnu jifforma parti minn gudizzju separat ragonevolment ifisser illi l-kreditu tieghu ghadu mhux accertat u likwidu. Certament ukoll, mhux ammess jekk tezisti kontestazzjoni dwaru, u ghalhekk lanqas ma jista' jinghad li hu ezigibbli. Fuq din il-bazi biss il-pretiza tieghu tat-tpacija, hekk formanti il-bazi tat-talba tieghu quddiem l-ewwel Qorti ghat-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tal-hlas tal-kreditu reklamat mill-Kummissarju appellat ma tistax ssib ebda konfort, u allura r-risposta tal-Kummissarju ghar-rikors promotur, f' dan l-istess sens, kienet gustifikata;

Finalment, biex wiehed jirritorna fuq l-ewwel aspett tal-materja, il-fatt li l-awtonomija amministrattiva tad-diversi dekasteri ta' l-amministrazzjoni ta' l-Istat ma teliminax il-karattru unitarju ta' l-amministrazzjoni nnifisha, ma jfisserx imbaghad illi l-kompensazzjoni legali tal-krediti u debiti tad-diversi dekasteri ta' l-Istat hi awtomatikament operanti. Mill-istess monografija esebita mill-appellanti *nomine* jidher li tali tpacija, jekk jezistu r-rekwiziti essenzjali taghha fuq spjegati, hi fis-sistema tal-ligi Taljana possibbli biss bl-inizzjattiva u ad istanza ta' l-amministrazzjoni nteressata. Jinsab fil-fatt precizat mill-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana (C74/4035)**, "*in considerazione del fatto che l' autonomia amministrativa è contabile dei vari rami dell' amministrazione dello stato non elimina il carattere unitario dell' amministrazione stessa, si è ammessa la compensazione legali di crediti e debiti di diverse amministrazioni dello Stato nei confronti dei privati, <u>ad iniziativa dell' amministrazione interesata</u>.*" ("**Commentario breve al Codice Civile**", Cian e Trabucchi, Sesta Edizione, 2002, pagna 1241). Dan hu in essenza l-"*fermo amministrattivo*" li ssemmi l-monografija,

u li, kif tajjeb irrikonoxxa l-istess appellanti *nomine* fin-Nota tieghu quddiem din il-Qorti, hi fakoltattiva u diskrezzjonali ghall-Amministrazzjoni.  F’ dan il-kaz mhux biss dan ma huwiex hekk, talli t-tpacija qed tigi opposta mill-Kummissarju appellat;

Evidentement, l-Artikolu 42 (3) (d) tal-Kapitolu 372 kien intiz biex jistitwixxa r-regola “*solve et repete*” gja maghrufa u prattikata illi f’ materja fiskali l-kompensazzjoni ma kienetx permissibbli.  Ghalhekk kull argoment bazat fuqu jew estratt minnu, anke *a contrario sensu,* ma jistax jissufraga lill-appellanti *nomine*;

Anke jekk issa ghall-konsiderazzjonijiet differenti minn dawk tal-ewwel Qorti, l-aggravju interpost ma jistax jigi accettat.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata anke jekk ghal ragunijiet ohra distinti, tichad l-appell interpost.  In vista ta’ l-aspetti involuti huwa xieraq illi l-ispejjez ta’ din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------